MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MARSEANN FARRUGIA**

Seduta tal-5 ta' Ottubru, 2011

Numru. 197/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Fabian Fleri)**

**vs.**

**Karl Gatt**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra Karl Gatt, iben Philip u Rosette nee Vitale, imwieled Pieta nhar it-28 ta' Novembru 1990, residenti 22, L-Isqaq, Triq Ramona Carapecchia, Fgura, detentur tal-karta ta' l-identita numru 566790 (M)

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fid-19 ta' Novembru 2008 u matul il-granet qabel din id-data:

kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hi mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra milli tapplika il-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skont l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Wara li rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta'l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu tnejn (2) ta' l-Artikolu 22 ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza ghandha tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Wara li semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

Dan il-kaz jirrigwarda apprezzament ta' provi dwar bicca resina tal-cannabis li allegatament intremiet minn vettura waqt li kien hemm road block tal-Forzi Armati ta' Malta gewwa Triq Bormla, Zabbar. L-imputat kien riekeb fis-seat tal-passigier ta' quddiem ta' vettura li twaqqfet waqt dan ir-road block. Il-vettura kienet misjuqa minn Glenn Brincat, u fuq is-seat ta' wara kien hemm ukoll passigieri Sherdon Camilleri u Chantelle Zammit.

Ix-xhud Warrant Officer Ronald Genuis xehed li hu, wara li dahhal il-vettura fis-search area, ra lill-imputat jarmi xi haga mit-tieqa, mar jigri fuqu mill-ewwel u innota li kien pakkett zghir gol-foil, u ghajjat lis-superjur tieghu. Ix-xhud insista li l-oggett kien waddbu l-imputat ghaliex jghid li meta dahhal il-vettura fis-search area, it-tieqa in-naha ta' l-imputat kienet imnizzla u l-imputat kellu idejh barra, u dan minkejja li kien Novembru u kien cirka 11.25p.m., u peress li gieh suspett, dan ix-xhud jghid li baqa' il-hin kollu isegwi idejn l-imputat.[1]

[1] Ara xhieda ta' Warrant Officer Ronald Genuis a fol 25 et seq. tal-process.

Il-Maggur Michael Cardona xehed li huwa gie imsejjah minn Warrant Officer Ronald Genuis u t-tnejn raw il-pakkett zghir tal-foil ma' l-art taht it-tieqa in-naha ta' fejn kien bil-qieghda l-imputat, u li l-oggetti kienu bejn il-vettura u l-bankina, u li l-vettura kienet ipparkjata ezatt mal-bankina.[2]

Mix-xhieda ta' l-espert xjenzat Godwin Sammut jirrizulta li l-oggetti li nstabu ma' l-art kienu bicca aluminium foil vojta u raza tal-cannabis b'piz ta' 2.68 grammi u purita ta' cirka 8%.

L-imputat ghazel li jixhed. Huwa xehed li huma kienu gejjin minn McDonalds' l-airport, sejrin lejn Haz-Zabbar, meta il-Forzi Armati waqqfuhom go road block, ma genb bankina. Huwa xehed li hu u Glenn Brincat, is-sewwieq tal-vettura, kienu qed ipejpu sigarett kull wiehed, u li meta spiccaw ipejpu Glenn qallu biex jarmih barra kif ghamel hu. Ftit wara li ramieh, gie suldat mat-tieqa u staqsieh x'kien rema, u l-imputat qallu li kien rema sigarett. Is-suldat beda jfittex ma l-art u sab id-droga, pero l-imputat mill-ewwel cahad li kienet tieghu.

Pero din ix-xhieda ta' l-imputat hija kontradetta jew inkonsistenti f'diversi aspetti mix-xhieda tax-xufier u tal-passiggieri l-ohra fil-vettura li kienu mieghu, u l-Qorti tosserva dan li gej:

1. il-passigier Sherdon Camilleri xehed li jekk jiftakar sew l-imputat biss kien qed ipejjep.[3]
2. Ghalkemm fix-xhieda tieghu quddiem il-Qorti Sherdon Camilleri qal li ra lill-imputat jarmi s-sigarett, fl-istatement li ta lill-pulizija a tempo vergine hu qal li ghalkemm kien ra lill-imputat jarmi xi haga, ma kienx ra x'rema.[4]

[2] Ara xhieda Maggur Michael Cardona a fol. 20 -22 tal-process.
[3] Ara xhieda ta' Sherdon Camilleri a fol. 35 tal-process.
[4] Ara xhieda ta' Sherdon Camilleri a fol. 37 tal-process.

3. il-passiggiera Chantelle Zammit xehdet li ghalkemm ma tiftakarx ezatt min kien qed ipejjep fil-vettura, taf li l-imputat kien qed ipejjep.[5]

4. ix-xhud Chantelle Zammit tghid li rat lill-imputat jarmi is-sigarett mit-tieqa, pero fl-opinjoni tal-Qorti dan mhux kredibbli ghax din ix-xhud kienet bil-qieghda fis-seat ta' wara ix-xufier, u ghalhekk ma setghetx tara lill-imputat jarmi l-allegat sigarett, peress li s-seat tal-passiggier ta' quddiem u l-persuna ta' l-imputat fuqu kienu jghattulha l-vizjoni.

5. Ghalkemm quddiem il-Qorti x-xufier Glenn Brincat xehed li hu ra lill-imputat jarmi s-sigarett, fl-istqarrija li ta a tempo vergina lill-Pulizija huwa qal li ma kienx ra lill-imputat jarmi xi haga.[6] In oltre, dan ix-xhud imkien ma jghid li hu kien qed ipejjep ukoll.

6. Ix-xufier Glenn Brincat xehed ukoll li qabel saqu, huma kienu qieghdin jew Haz-Zabbar stess jew il-Fgura.[7]

Fid-dawl ta' dawn il-kontradizzjonijiet u inkonsistenzi, il-Qorti ma issibx il-verzjoni tal-fatti li ta l-imputat attendibbli, u issib li x-xhieda tal-prosekuzzjoni kienu hafna iktar precizi u konsistenti, tant li irnexxielhom jippruvaw il-htija ta' l-imputat sal-grad rikjest fil-kamp kriminali. Konsegwentement, il-Qorti issib lill-imputat hati ta' l-imputazzjoni dedotta kontra tieghu.

Illi dwar il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-eta zghira ta' l-imputat u li ghandu fedina penali netta.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikolu 8(a), 22(1)(a), 22 (2) (b) (ii) tal-Kapitolu 101, issib lill-imputat hati ta' l-imputazzjoni dedotta kontra tieghu, u b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta il-Qorti qed tqieghed lil hati taht Ordni ta' Probation ghal zmien sentejn (2) mil-lum, bil-kundizzjonijiet kontenuti fl-Ordni ta' Probation hawn anness, u li ghandu jifforma parti integrali ta' din is-sentenza.

---

[5] Ara xhieda ta' Chantelle Zammit a fol. 40-41 tal-process.
[6] Ara xhieda ta' Glenn Brincat a fol. 46 -47 tal-process.
[7] Ara xhieda ta' Glenn Brincat a fol. 47 tal-process.

Il-Qorti qed twissi lil hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta' Probation jew jekk jonqas illi jsegwi xi wahda mill-ordnijiet stipulati fl-Ordni tal-Probation, u l-hati esprima r-rieda tieghu li jikkonforma mal-htigijiet ta' din l-Ordni.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation.

Ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9, il-Qorti qed tikkundanna lill-hati ihallas l-ispejjez marbutin mal-hatra ta' l-espert, jigifieri €158.30.

Il-Qorti tordna id-distruzzjoni tad-droga u l-affarijiet relatati maghha taht id-direzzjoni tar-Registratur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------